MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 59/2009

Il-Pulizija
**(Spettur Josric Mifsud)**
**Vs**
**Joseph Debrincat ta' 40 sena, bin John u Maria nee' Spiteri imwieled ir-Rabat, nhar it-18 ta' Settembru 1971, residenti fil-fond numru Dar ghax-Xemx, Sqaq Dun Mikielang Spiteri, Munxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 24071(G);**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Debrincat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Lulju 2008, u f'dawn l-ahhar tlett snin qabel din id-data, gewwa l-Munxar (Ghawdex) kif ukoll gewwa partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fis-sena 2005 u tlett snin qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. Talli fis-sena 2003 gewwa Wied il-Ghancija, limiti tax-Xlendi, ikkoltiva l-pjanta cannabis u dana bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dana bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ukoll talli nhar is-26 ta' Ottubru 2008 u snin ta' qabel zamm lil xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (A.L.79 tal-2006) kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti liema ghasafar ma kenux iddikjarati u registrati mal-Awtorita kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kellu l-permessi, jew ic-certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur (regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat);

6. U talli nhar is-26 ta' Ottubru 2008 u snin ta' qabel zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin l-Iskeda II jew l-Iskeda III ta'

dawn ir-Regolamenti, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur kien migjub Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 (regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat);

7. U talli nhar is-26 ta' Ottubru 2008 u snin ta' qabel kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzoni tal-Ghasafar Selvaggi u li ma kenux gew irregistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament 6 ta' regolament 21 tal-A.L. 79 tal-2006 (regolament 21(5) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat);

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ordni maghmul mill-Avukat Generali tal-10 ta' Lulju 2009 ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zwg tipi ta' reati, dawk konnessi mal-pussess tad-droga kokajina u tal-pjanta cannabis kif ukoll l-ikkoltivar tal-istess, u r-reat dwar iz-zamma illegali ta' ghasafar ibbalzmati u protetti bil-ligi.

Illi l-investigazzjonijiet skattaw meta s-Surgent 1424 Mario Xiberras lemah zewg persuni qed jagixxu b'mod suspettuz tant illi kif lemhuh dawn it-tnejn minn nies harbu minn fuq il-post. Is-surgent izda rnexxielu jwaqqaf lill-imputat u lil siehbu Mario Xuereb. Huwa talab l-assistenza ta' pulizija ohra u waslu fuq il-post ftit wara is-Surgent 1346 u l-PC1005 li ghamlu tfittxija fuq dawn il-persuni izda ma nstab xejn illegali ghajr ghal *flick knife* li nstabet fil-vettura

ta’ Mario Xuereb. Meta s-Surgent 1346 kellimhom separatament u talabhom jispjegaw ir-raguni ’l ghala kienu jinstabu fuq il-post huma wegbuh illi kienu qed jifthiemu biex isir xi xoghol ta’ tikhil fil-fond Pantu House, Triq ix-Xuxa, Kercem u kienu ltaqghu fuq il-post biex jaraw dana x-xoghol. Izda ma qablux fil-verzjoni taghhom dwar jekk l-imputat kienx dahal fil-fond u kwindi huma gew arrestati u mehuda l-ghassa tar-Rabat ghal iktar stharrig. Illi minn hawn skattaw zewg investigazzjonijiet, wahda fuq il-persuna tal-imputat u l-ohra kienet tikkoncerna l-persuna ta’ Mario Xuereb. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat. Din saret mill-PS676, il-PS771, il-PC883, il-PC330, il-PC138 u l-PC1384. Minn kamra fir-residenza tal-imputat, minn wara l-bieb, giet elevata arma tan-nar u cioe’ senter minghajr cover. L-imputat sab l-ghatu tas-senter f’kamra ohra. Sussegwentement kienet saret tfittxija ohra fi proprjeta ohra tal-imputat li tmiss mar-residenza tieghu gewwa l-Munxar u minn hemm gew elevati diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga. Hawnhekk ukoll instab numru sostanzjali ta’ tajr ibbalzmat b’kollox 112 u dawn ukoll gew elevati.

Illi l-Qorti mal-ewwel tirrileva illi dan it-tajr qatt ma gie esebit in atti la formalment u wisq anqas materjalment. Illi r-ricevuta li nghatat lill-imputat meta saret l-elevazzjoni u li hija esebita in atti ma tindikax x’kienu dawn l-ghasafar izda semplicement tghid: “*one hundred and twelve stuffed birds from residence w/o number adjacent to residence styled as St.John, Triq il-Munxar, Munxar*”[1]

Illi wara li jigu elevati dawn l-ghasafar jidher illi dawn gew imqieghda fil-garaxx tal-Pulizija fir-Rabat, Ghawdex. Hawnhekk Stanley Gatt, Senior Environment Protection Officer, fi hdan id-Direttorat dwar il-Harsien tal-Ambjent fuq talba tal-Ispettur Josric Mifsud jigi mehud f’dana l-garaxx fil-presenza tas-Surgent 698 Shaun Tabone fejn huwa jezamina numru ta’ ghasafar. L-imputat hawnhekk m’huwiex presenti sabiex jindika lil Gatt liema ezemplari gew elevati mir-residenza tieghu. Is-surgent Tabone jghid illi huwa ma kienx presenti meta t-tajr gie elevat minghand

[1] Ara ricevuta Dokument ES3 a fol.29

l-imputat u ghalhekk ma setax ighid jekk l-ezemplari li ezamina Stanley Gatt kinux l-istess bhal dawk elevati. Minn naha tieghu Stanley Gatt ighid illi huwa ezamina t-tajr li gew indikati lilu mis-Surgent Tabone. Inoltre s-Surgent Tabone jghid in kontro-ezami illi fil-garaxx kien hemm tajr iehor u mhux dawk biss li gew elevati mir-residenza tal-imputat.[2]

Stanley Gatt minn naha tieghu jesebixxi lista ta' tajr li gew indikati lilu mis-Surgent Shaun Tabone u li ezamina kif inghad fil-garaxx tal-Pulizija. Jghid illi dawn gew indikati lilu bhala appartenenti lill-imputat. Fid-dokument esebit minnu jirrizulta illi huwa ezamina 111-il speci ta' tajr ibbalzmati, liema kollezzjoni ta' tajr qatt ma gew iddikjarati mill-imputat. Jghid illi l-ispeci fil-maggoranza taghhom kienu kollha mharsa bil-ligi u rrizulta illi sittax-il ezemplari biss ibbalzmati m'humiex protetti. Jghid ukoll illi 57 tajra huma elenkati fi Skeda I tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u kwindi huma mharsa b'mod specjali.[3]

Illi l-imputat jigi interrogat u jirrilaxxja stqarrija fis-27 ta' Ottubru 2008, l-ghada tal-arrest tieghu.[4]

## Il-Provi

### 1. L-istqarrija tal-imputat.

Illi l-abbli difensur tal-imputat jissolleva l-linja difensjonali in konnessjoni mal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fejn jikkontendi allura, illi l-Qorti ghandha tiskarta bhala prova dina l-istqarrija u dana billi l-istess stqarrija ttiehdet bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi ghalkemm l-istess stqarrija, kif mistqarr mill-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu, ittiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, izda dina giet rilaxxjata minghajr ma l-

---

[2] Ara xhieda ta' Stanley Gatt u PS698 Shaun Tabone a fol.108 u 115

[3] Ara Dokument SG1 a fol.48 u xhieda ta' Stanley Gatt a fol.46

[4] Ara stqarrija Dokument JM7 a fol.19

imputat inghata dritt li jiehu parir legali qabel ma ghamel dan.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi madanakollu dina l-istqarrija ttiehdet minghajr ma l-imputat inghata l-opportunita li jikkonsulta ruhu ma' avukat jew jiehu parir legali. Dana ghaliex il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li jkollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010 illi d-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data tal-10 ta' Frar 2010.

Illi dina l-linja difenzjonali tqajmet in segwitu ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u il-Pulizija vs Esron Pullicino[5].

Illi minn qari akkurat ta' dawn id-decizjonijiet jirrizulta inkonfutabbilment illi d-dritt ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika wkoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Kwindi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assistenza legali ghandu jsib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana d-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi

[5] Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament.

thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali iktar u iktar fid-dawl tal-principju hawn fuq indikat illi fis-sistema penali taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Dana kollu madanakollu ghandu jittiehed fid-dawl tal-proceduri kollha, fis-sens illi jekk dak mistqarr fl-istqarrija huwa issostanzjat minn provi ohra indipendenti, allura l-istqarrija tal-persuna akkuzata minghajr ma ttiehed il-parir legali ma hijiex wahedha ser twassal ghal kundanna taghha billi hemm provi ohra li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija. Izda jekk l-uniku prova li ghandha l-prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu minghajr ma huwa kellu l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ghalhekk ihejji id-difiza tieghu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju fejn huwa prezunt li ghadu innocenti, allura iva, dik il-konfessjoni migjuba bhala prova unika quddiem qorti tal-gustizzja kontra l-imputat hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali "Il-Pulizija vs Alvin Privitera":

*"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ...*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat <u>u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu</u>.*(sottolinjar tal-Qorti).

*Illi f'dan il-kaz l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija l-istqarrija li hu irrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu."*

Il-Qorti kompliet:

*"Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-*

*investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc."*

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju l-istqarrija tal-imputat giet rilaxxjata fiz-zmien meta l-ligi vigenti ma kinitx taghti dritt lill-persuna interrogata li tikseb parir legali. Kwindi l-imputat inkrimina ruhu meta irrilaxxja l-konfessjoni tieghu minghajr ma kien konsapevoli tal-fatt illi b'dak li kien qed ighid huwa kien, kif ighid il-qawl malti, ser jitfa' l-gebla fuq saqajh. Kwindi fid-dawl ta' dak hawn fuq sottomess dina l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief tiskarta dina l-prova billi jekk tasal sabiex tikkundanna lill-imputat abbazi ta' dina l-istqarrija tkun qed tivvjola dak sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taghti dikjarazzjoni ta' htija illi hija anti-kostituzzjonali. Dana qed jinghad iktar u iktar fid-dawl tal-fatt, illi ghal uhud mill-akkuzi l-uniku prova li hemm fl-atti hija unikament dak illi ighid l-imputat fl-istqarrija tieghu.

**<u>2. Provi forensici.</u>**

Illi skartata dina l-prova ghalhekk jifdal biex jigu ezaminati l-provi l-ohra li hemm fl-atti li essenzjalment jikkonsistu fl-oggetti elevati mill-pusess tal-imputat u cioe' l-oggetti relatati mal-abbuz tad-droga esebiti bhala Dokument JM4. Illi mill-oggetti kollha elevati jirrizulta mir-rapport esebit mill-espert l-Ispizjar Mario Mifsud illi:
"**nstabu tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* fi speci ta' tmien filters ta' sigaretti tal-brim li kien hemm fid-dokument 129/10/01 f'borza b, u f'erba bicciet plastik trasparenti u fi speci ta' disa' filters ta' sigaretti tal-brim li kien hemm fid-dokument 129/10/01, f'borza e. Is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* tinsab fil-pjanta tal-cannabis**."

Dina l-prova tista twassal ghal sejbien ta' htija dwar il-pusess tal- cannabis u xejn iktar u cioe' l-ewwel akkuza

migjuba fil-konfront tal-imputat. L-imputat madanakollu huwa akkuzat ukoll illi ikkoltiva dina l-pjanta u dana fis-sena 2005 u fit-tlett snin ta' qabel. Provi fl-atti dwar il-koltivazzjoni ta' dina l-pjanta ma hemmx ghajr ghal dak mistqarr fl-istqarrija tieghu fejn ighid illi kien ikabbar pjanta wahda zghira ghall-uzu personali tieghu. Illi madanakollu billi l-istqarrija tal-imputat ser tigi skartata bhal prova u billi fl-atti ma hemmx l-icken prova ohra li tista' tindika illi l-imputat ikkoltiva l-pjanta cannabis fis-sena 2005 u fit-tlett snin ta' qabel, il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba kontra tieghu. Billi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza, ma tistax tinstab htija fil-konfront tieghu ghar-raba' akkuza billi anke hawn ma hemmx prova illi fiz-zmien indikat u cioe' fis-sena 2005 u fit-tlett snin ta' qabel huwa kien fil-pussess tar-raza tal-cannabis.

L-istess jista' jinghad fir-rigward tat-tieni akkuza fejn l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess tad-droga kokajina. Ukoll fir-rigward ta' dina l-akkuza jigi rilevat illi imkien fl-atti ma hemm prova dwar dan. L-ebda wiehed mill-oggetti elevati mill-pulizija ma kellha fiha dina d-droga jew tracci taghha u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza ukoll.

3. **<u>L-akkuzi dwar it-tajr protett</u>**.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta minghajr dubbju illi fil-pussess tal-imputat instab numru konsiderevoli ta' tajr ibbalzmat. Dana johrog kemm mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fit-tfittxija li saret fil-proprjeta tal-imputat, kif ukoll mir-ricevuta esebita in atti u li giet rilaxxjata favur l-imputat meta t-tajr gie elevat mill-pulizija. Din ir-ricevuta hija iffirmata mill-imputat stess. Izda kif diga nghad iktar 'il fuq f'dina r-ricevuta ma hemmx elenku ta' dana t-tajr u l-ispeci taghhom izda hemm kliem generiku minn fejn jirrizulta illi gew elevati 112-il tajra. Illi kif diga gie wkoll rilevat, dana t-tajr qatt ma gie esebit in atti la formalment u wisq anqas materjalment biex b'hekk il-Qorti ma ghandhiex quddiemha l-ezemplari li gew elevati mill-pussess tal-imputat. Ghalkemm fix-xhieda

tieghu l-Ufficjal Prosekutur ighid illi dana t-tajr kien ser jigi esebit fil-mori tal-kawza, madanakollu dana qatt ma sar![6]

Illi ghalkemm ix-xhud Stanley Gatt, Environment Protection Officer, jesebixxi lista ta’ ghasafar u jindika l-ispeci taghhom, madanakollu ma giex stabbilit ness bejn il-lista maghmula minnu u t-tajr elevat mill-pussess tal-imputat. Stanley Gatt ighid illi huwa ezamina dawn l-ezemplari fil-garaxx tal-pulizija u mhux fir-residenza tal-imputat. Dawn jigu indikati lilu mis-Surgent Shaun Tabone li lanqas kien jifforma parti mill-ufficjali investigattivi li sabu dana t-tjar ghand l-imputat u li elevaw l-istess. L-istess Surgent jistqarr in kontro-ezami illi f’dana l-garaxx kien hemm tajr iehor ta’ nies ohra. Ma jidhirx illi dawn l-ghasafar kellhom xi tags li fuqu kien hemm il-firma tal-imputat. L-imputat lanqas ma kien prezenti meta sar dana l-ezercizzju. Billi t-tajr qatt ma gie esebit in atti, l-Qorti ma tistax tivverifika ghalhekk jekk il-lista ippreparata minn Stanley Gatt u r-ritratti mehuda minnu tal-ghasfar indikati lilu mill-pulizija, kinux l-istess ghasafar elevati minghand l-imputat. Dina n-nuqqas ta’ prova ghalhekk ma tistax twassal lil dina l-Qorti sabiex tezamina jekk it-tajr li nstab ghand l-imputat kienx imhares bil-ligi kif indikat fil-hames, is-sitt u s-seba’ akkuzi migjuba u kwindi fin-nuqqas ta’ tali prova l-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi wkoll.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta ghall-ewwel akkuza, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu problema tal-vizzju tad-droga u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Noel Xerri, rapprezentant tal-Fondazzjoni OASI. Il-Qorti ghalhekk ser tara illi l-imputat jircievi l-ghajnuna kollha sabiex jeghleb il-vizzju darba ghal dejjem.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-

[6] Ara xhieda ta’l-Ispettur Josric Mifsud a fol.16

konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdix l-ordni mposta fuqu llum jew jekk jikkometti reat iehor matul dana l-perijodu taz-zmien.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-Dokument JM4.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lid-Direttur Probation Services skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------